



Stqarrija għall-Istampa

II-Lussemburgu, I-1 ta' Ġunju 2022

L-appoġġ mill-UE bilkemm tejjeb il-kompetittivitā ta' kumpaniji żgħar

L-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) huma kruċjali għall-ekonomija tal-UE. Iżda huma ma bbenifikawx realment mill-azzjoni tal-UE li għandha l-għan li ssaħħħa il-kompetittivitā tagħhom. Din hija l-konklużjoni li ntlaħqet mill-Qorti Ewropea tal-Audituri f'rapport specjalistici li ġie ppubblikat illum. Il-fondi tal-UE stimulaw ir-rieda tal-SMEs biex jinvestu, iżda l-impatt u l-effettivitā tagħhom fuq il-kompetittivitā kienu pjuttost limitati, sal-punt li l-biċċa l-kbira mill-SMEs li ngħataw appoġġ ma kisbu l-ebda benefiċċju reali mill-appoġġ li ngħata mill-UE. L-audituri jħeġġu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jaġħmlu użu aħjar mill-finanzjament tal-UE sabiex jgħin lill-SMEs b'mod effettiv.

L-intrapriżi żgħar u medji huma pilastru tal-ekonomija tal-UE, jiempiegaw kważi żewġ terzi (63 %) tal-forza tax-xogħol tal-UE u jiġi generaw nofs (52 %) il-valur miżjud tal-UE. Iżda xi kultant ikollhom diffikultajiet meta jippruvaw jikkompetu ma' kumpaniji akbar. L-UE għandha politiki li għandhom l-għan li jappoġġaw l-SMEs, b'mod partikolari permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regionali (FEŻR). Matul il-perjodu 2014-2020, il-programmi ffinanzjati mill-FEŻR allokaw aktar minn EUR 40 biljun biex itejbu l-kompetittivitā tal-SMEs, u ġew irrilaxxati aktar fondi mill-UE b'rispons għall-pandemja tal-COVID-19. Iżda l-audituri tal-UE kkonkludew li dan ma għamilx lill-SMEs sinifikattivament aktar kompetittivi.

"Bħala s-sinsla tal-ekonomija tal-UE, l-SMEs jeħtieġu u jixirqilhom li jingħataw appoġġ mall-jibdew u jespandu l-attivitàajiet tagħhom", qal Pietro Russo, il-Membru tal-QEA responsabbli mill-awditu. "Madankollu, fi snin reċenti l-appoġġ tal-FEŻR m'għamil ix-differenza notevoli fil-kompetittivitā kumplessiva tal-SMEs, u dan jixħet dubju fuq il-benefiċċji ta' azzjoni tal-UE f'dan il-qasam."

Hemm aktar minn 20 miljun SME fl-UE kollha. Kien previst li l-FEŻR ikun jappoġġa direttament 800 000 minnhom sa tmiem l-2019. Iżda r-Regolament dwar il-FEŻR ma kienx jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu strateġiċi dwar kif l-aħjar tiżidied il-kompetittivitā tal-SMEs tagħhom, li għamilha diffiċċi biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE jkun immirat lejn dawk in-negożi u dawk l-oqsma bl-ogħla potenzjal ta' tkabbir. Bħala medja, il-programmi taħbi il-FEŻR ipprovdew madwar EUR 42 000 għal kull SME benefiċjarja. Iżda din iċ-ċifra taħbi differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, billi l-ammont reali ta' finanzjament ivarja minn madwar EUR 392 000 għal kull proġetti fl-Awstrija għal inqas minn EUR 1 000 fl-Irlanda. L-audituri tal-UE jwissu li l-finanzjament ta'

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Audituri. Ir-rapport shiħi huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

għadd kbir ta' SMEs jista' jkun problematiku, billi l-proġetti fuq skala żgħira jiffaċċċaw ir-riskju li ma jilħqux il-massa kritika meħtieġa biex jagħmlu differenza reali fil-kompetittivitā tal-SMEs.

Fil-prattika, il-biċċa l-kbira mill-fondi tal-FEŻR ġew allokati għall-appoġġ permezz ta' proġetti awtonomi li jimmiraw SMEs individwali. Iżda l-awditu juri li dawn il-proġetti ġġeneraw biss effetti konsegwenzjali limitati, li naqqasu l-impatt globali tal-appoġġ mill-UE. F'xi każijiet, il-finanzjament mill-FEŻR saħansitra affettwa b'mod negattiv il-prospetti ekonomiċi tal-SMEs li kienu qed jikkompetu fl-istess swieq u li ma kienux irċevew appoġġ. L-awdituri josservaw ukoll li l-proġetti normalment indirizzaw fattur ta' kompetittivitā speċifiku mingħajr ma ħadu passi biex jiżguraw l-effettività tal-proġett jew biex jirrispondu għall-ħtiġiġiet tan-negozji f'sens usà, pereżempju l-ħtieġa li jinstabu ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, jiġu trattati l-ostakli regolatorji u jiġu mmaniġġati l-piżżejjiet amministrattivi. B'rезультат ta' dan, l-awdituri sabu li xi SMEs irċevew riżorsi sinifikanti mingħajr ma tejbu l-kompetittivitā kumplessiva tagħhom.

Huma qalu li elementi oħra xekklu l-effettività tal-appoġġ mill-UE. Dawn kienu jinkludu l-proċeduri tal-għażla, li b'mod ġenerali ma kinux ambizzjużi biżżejjed u ma kinux imfassla biex jaġħtu finanzjament lill-aktar proġetti kompetittivi. Il-biċċa l-kbira mill-proposti li kisbu punteggia ta' eliġibbiltà minimu rċevew finanzjament, mingħajr l-ebda valutazzjoni komparattiva jew kompetizzjoni bejn l-applikazzjonijiet. Ġew injorati fatturi bħal żidiet sostenibbli fil-kompetittivitā jew l-espansjoni tas-suq, filwaqt li l-innovazzjoni jew ir-riċerka u l-iżvilupp kellhom biss impatt żgħir fuq id-deċiżjonijiet. B'rезультат ta' dan, il-fondi mill-UE ma ġewx mgħoddija primarjament lill-aktar SMEs promettenti.

Fl-aħħar nett, l-awdituri jistaqsu dwar il-valur miżjud ta' dawn il-fondi. Huma josservaw li l-biċċa l-kbira mill-SMEs xorta kienu jagħmlu investimenti simili, bil-finanzjament pubbliku jew mingħajru, u dan jikkonferma r-riskju ta' deadweight f'dan it-tip ta' appoġġ mill-UE, problema li l-QEA ġibdet l-attenzjoni għaliha ħafna drabi.

Informazzjoni ġenerali

Fl-UE, l-SMEs huma intrapriżi b'inqas minn 250 impjegat u jew b'fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 50 miljun jew inkella b'karta tal-bilanç annwali ta' mhux aktar minn EUR 43 miljun. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), u b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), huma fost l-akbar programmi tal-UE li jipprovd appoġġ finanzjarju lill-SMEs. Matul il-perjodu 2014-2020, il-programmi ffinanzjati mill-FEŻR allokaw EUR 54.4 biljun għal miżuri relatati mal-SMEs, permezz ta' prioritat jiet speċifiċi msejħa objettivi tematiki. Il-biċċa l-kbira mill-objettivi tematiki jistgħu jikkontribwixxu direttament jew indirettament biex tiżdied il-kompetittività tal-SMEs. L-objettiv tematiku 3, "Titjib tal-kompetittività tal-SMEs", huwa t-tieni l-akbar objettiv tematiku f'termini tal-volum ta' fondi allokati taħt il-FEŻR, li jirrapreżentaw EUR 40.3 biljun minn total ta' EUR 201.5 biljun ta' finanzjament mill-FEŻR allokat taħt il-baġit tal-UE f'Ġunju 2021. B'mod ġenerali, tliet kwarti tal-finanzjament mill-FEŻR għall-SMEs (75 %) jasal fil-forma ta' appoġġ dirett.

Ir-Rapport Speċjali 8/2022 "Appoġġ taħt il-FEŻR għall-kompetittività tal-SMEs: dgħufijiet fit-tfassil inaqqsu l-effettività tal-finanzjament", huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

F'Mejju ta' din is-sena, il-QEA ppubblifikat ukoll rapport speċjali dwar il-programmi tal-UE li jgħinu lill-SMEs sabiex ikollhom aċċess għas-swieg internazzjoni.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkmandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeais: vincent.bourgeais@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547